C/2025/6359

24.11.2025

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tas-17 ta' Novembru 2025

li tadotta l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 3 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2025

(C/2025/6359)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 314 tiegħu, flimkien mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 106a tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (riformulazzjoni) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 44 tiegħu,

Billi:

– il-baġit tal-Unjoni għas-sena finanzjarja 2025 ġie adottat definittivament fis-27 ta' Novembru 2024 ([2]);

– fit-3 ta' Ottubru 2025, il-Kummissjoni ppreżentat proposta li fiha l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 3 għall-baġit ġenerali għas-sena finanzjarja 2025, li ġie kkomplementat mill-Kummissjoni fil-5 ta' Novembru 2025 biċ-ċifri finali għall-aġġustament tas-salarji fl-2025;

– il-Kunsill jeħtieġ jipproċedi mingħajr dewmien bl-adozzjoni tal-pożizzjoni tiegħu dwar l-abbozz ta' baġit emendatoru Nru 3 għall-baġit ġenerali għall-2025, bil-ħsieb li (a) jiżdied b'mod urġenti l-livell ta' approprjazzjonijiet ta' pagament (a/p) għall-*Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR)*, il-*Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE +)* u l-*Istrument għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u tal-Viżi (BMVI)*, peress li dawn l-ammonti ma setgħux jiġu inklużi fir-riallokazzjonijiet proposti fit-"Trasferiment globali" (DEC Nru 15/2025), li ġie ppreżentat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fit-3 ta' Ottubru 2025, (b) jiġi aġġornati l-ħtiġijiet għall-*Ftehimiet ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli (SFPAs)*, li jikkanċellaw l-ammonti fir-riżerva li mhux ser ikunu meħtieġa fl-2025, (c) jonqsu l-approprjazzjonijiet ta' impenn (a/i) u a/p għall-*Istrument għat-Tagħmir ta' Kontroll Doganali (CCEI)* minħabba dewmien fl-implimentazzjoni fl-Istati Membri, (d) jonqsu l-a/i għall-*Istrument ta' Appoġġ Tekniku* minħabba titjib fl-effiċjenza minn proċeduri ta' akkwist kompetittivi, (d) jonqsu l-a/p għall-*Faċilità għall-Ukrajna*, peress li l-profil ta' pagament tal-2025 ġie affettwat minn bidliet fis-suppożizzjonijiet bħal fir-ritmu tal-implimentazzjoni tar-riformi u l-investimenti, id-data tal-iffirmar tal-ftehimiet ta' garanzija u ta' taħlit, u t-twaqqit tal-pagament tas-sussidji għall-kostijiet tat-teħid b'self, (e) l-aġġustament tal-kontribuzzjoni tal-UE għall-*Awtorità Kontra l-Ħasil tal-Flus (AMLA)*, l-*Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (EIOPA)*, l-*Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA)*, iċ-*Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC)*, l-*Aġenzija tal-UE għall-Ażil (EUAA)*, l-*Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA)* u l-*Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA)*, l-*Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA)* u l-*Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA)*, marbuta mal-implimentazzjoni jew raġunijiet speċifiċi oħra, (f) l-integrazzjoni tal-aġġornament tas-salarji finali għall-2025 u (g) l-aġġornament tan-naħa tad-dħul tal-baġit kif xieraq. Għaldaqstant, hu ġustifikat li tiġi prevista eċċezzjoni mill-perjodu ta' tmien ġimgħat imsemmi fl-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 1 dwar ir-rwol tal-Parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu Uniku

Il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 3 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2025 ġiet adottata fis-17 ta' Novembru 2025.

([1]) ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj.
([2]) ĠU L, 2025/31, 27.2.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/budget/2025/31/oj.

It-test sħiħ ([3]) huwa disponibbli għall-konsultazzjoni jew għat-tniżżil mis-sit web tal-Kunsill: https://www.consilium.europa.eu/documents-publications/public-register/public-register-search/.

Magħmul fi Brussell, 17 ta' Novembru 2025.

Għall-Kunsill

Il-President

([3]) Dokument 14878/25 + ADD 1.